

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1125/2010**tat-3 ta' Diċembru 2010****li jistabbilixxi ċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1173/2009**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 428/2008 tat-8 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi ċ-ċentri tal-intervent għaċ-ċereali ⁽²⁾ jistipula, fl-Anness I tiegħu u għal kull Stat Membru, iċ-ċentri tal-intervent għal kull tip ta' ċereali; minbarra l-qamħ komuni.
- (2) L-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1173/2009 ⁽³⁾ jelenka ċ-ċentri tal-intervent għall-qamħ komuni u għar-ross, imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 670/2009 tal-Kummissjoni ⁽⁴⁾.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku ⁽⁵⁾, jistipula, mis-sena tas-suq [ta' kummerċjalizzazzjoni] 2010/2011, il-kundizzjonijiet li għandhom ikunu osservati għall-għażla u l-approvazzjoni taċ-ċentri tal-intervent taċ-ċereali u tal-postijiet tal-ħżin tagħhom. Fost dawn il-kundizzjonijiet, l-Artikolu 3(1)(a) tal-imsemmi Regolament jesiġi b'mod partikolari kapacià minima ta' ħżin ta' 20 000 tunnellata għal kull ċentru tal-intervent taċ-ċereali.
- (4) Mill-1 ta' Lulju 2010, ir-Regolament (UE) Nru 1272/2009 jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 670/2009 f'dak li jirrigwarda ċ-ċereali.
- (5) Mill-1 ta' Lulju 2010, iċ-ċentri tal-intervent taċ-ċereali magħżula b'applikazzjoni tal-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti bl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE)

Nru 1272/2009. Huwa għalhekk xieraq li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 428/2008 u li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1173/2009.

- (6) Skont l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-servizzi tal-Kummissjoni, il-lista taċ-ċentri tal-intervent għan-nominazzjoni effettiva tagħhom kif ukoll il-lista tal-postijiet tal-ħżin ta' dawn iċ-ċentri li huma jqisu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet minimi mitluba mir-Regolament Komunitarju. F'każijiet fejn il-livell tal-produzzjoni taċ-ċereali huwa baxx u meta l-estimi ma jindikawx setturi taċ-ċereali li jipproduċu surplus u l-intervent ma intużax għal perjodu sinifikanti, ċerti Stati Membri ma rrapurtaw ebda ċentru tal-intervent.
- (7) Sabiex ikun assigurat it-tħaddim tajjeb tal-iskema ta' intervent pubbliku, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi ċentri tal-intervent skont il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u għandha tippubblika lista tal-postijiet tal-ħżin tagħhom bl-informazzjoni neċessarja kollha għall-operaturi kkonċernati mill-intervent pubbliku.
- (8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Iċ-ċentri tal-intervent imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009 għandhom ikunu daww elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

L-indirizzi tal-postijiet tal-ħżin relatati ma' kull ċentru tal-intervent u l-informazzjoni ddettaljata dwar dawn il-postijiet u maċ-ċentri tal-intervent, huma ppubblikati fuq l-Internet ⁽⁶⁾.*Artikolu 2*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 428/2008 għandu jiġi rrevokat.

Is-Sezzjoni A tal-Anness għar-Regolament 1173/2009 għandu jitħassar.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 129, 17.5.2008, p. 8.⁽³⁾ ĠU L 314, 1.12.2009, p. 48.⁽⁴⁾ ĠU L 194, 25.7.2009, p. 22.⁽⁵⁾ ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.⁽⁶⁾ L-indirizzi tal-postijiet tal-ħżin taċ-ċentri tal-intervent huma disponibbli fuq is-sit tal-Kummissjoni Ewropea CIRCA http://circa.europa.eu/Public/irc/agri/cereals/library?l=/publicdomain/cereals/intervention_facilities&vm=detailed&sb=Title

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNEX

Ċentri tal-intervent taċ-ċereali

IL-BELĠJU	Pollhagen	Viljandi
België/Belgique	Rinteln	Tartu
IL-BULGARIJA	Salzhemmendorf	
Североизточен район	Rosdorf	IL-GREĊJA
Северен централен район	Northeim	ΑΛΕΞΑΝΔΡΟΥΠΟΛΗ
Северозападен район	Bad Gandersheim	ΟΡΕΣΤΙΑΔΑ
Югоизточен район	Holzminden	ΣΕΡΡΕΣ
Южен район	Bremen	ΘΕΣΣΑΛΟΝΙΚΗ
IR-REPUBBLIKA ĊEKA	Büren	ΓΙΑΝΝΙΤΣΑ
Jihovýchod	Beverungen	ΚΑΤΕΡΙΝΗ
Jihozápad	Krefeld	ΒΟΛΟΣ
Severovýchod	Hanau	ΣΤΕΦΑΝΟΒΙΚΙ
Severozápad	Andernach	ΛΑΡΙΣΑ
Střední Čechy	Worms	ΛΙΒΑΝΑΤΕΣ
Střední Morava - Moravskoslezsko	Mannheim	
ID-DANIMARKA	Stuttgart	SPANJA
Aalborg	Augsburg	Cádiz
Århus	Regensburg	Córdoba-Málaga
Fredericia	Würzburg	Sevilla
Kolding	Drebkau	Huesca
Grenå	Ketzin	Teruel
Åbenrå	Gransee	Zaragoza
Kalundborg	Kyritz	Burgos
Korsør	Karstädt	Palencia
Vordingborg	Neubrandenburg	Salamanca
Odense	Malchin	Soria
Svendborg	Pasewalk	Valladolid
Nakskov	Rostock	Zamora
Rønne	Güstrow	Albacete
IL-ĠERMANJA	Stralsund	Ciudad Real
Lübeck	Schwerin	Cuenca
Heiligenhafen	Wismar	Guadalajara
Bad Oldesloe	Trebsen	Badajoz
Kiel	Eilenburg	Cáceres
Kappeln	Riesa	Navarra
Büdelsdorf	Torgau	
Nordhackstedt	Groitzsch	FRANZA
Itzehoe	Ziegra-Knobelsdorf	Aquitaine
Hochdonn	Aschersleben	Basse-Normandie
Büsum	Querfurt	Bourgogne
Hamburg	Dessau-Roßlau	Bretagne
Brake	Salzwedel	Centre
Hoya	Halberstadt	Champagne-Ardenne
Lüneburg	Magdeburg	Haute-Normandie
Hildesheim	Bülstringen	Île-de-France
Peine	Osterburg	Lorraine
Nienburg	Buttstädt	Nord-Pas-de-Calais
	Ebeleben	Pays de la Loire
	Erfurt	Picardie
	L-ESTONJA	Poitou-Charentes
	Tamsalu	Rhône-Alpes
	Keila	

IL-LATVJA	IL-POLONJA	Corabia
Daugavpils	WARMIŃSKO-MAZURSKIE	Satu Mare
Dobele	LUBELSKIE	Cărpiniș
Rīga	DOLNOŚLAŃSKIE	Carani
Jēkabpils	ZACHODNIOPOMORSKIE	IS-SLOVENJA
IL-LITWANJA	WIELKOPOLSKIE	Slovenija
Šiaurės vakarų regionas	IL-PORTUGALL	S-SLOVAKKJA
IL-LUSSEMBURGU	Silo de Évora	Bratislava
MERSCH	Silo de Cuba	Trnava
L-UNGERIJA	IR-RUMANIJA	Dunajská Streda
Bács-Kiskun	Oradea	Nitra
Baranya	Roman	Dvory nad Žitavou
Békés	Ianca	Bánovce nad Bebravou
Borsod-Abaúj-Zemplén	Brăila	Martin
Csongrád	Făurei	Veľký Krtíš
Fejér	Dudești	Rimavská Sobota
Győr-Moson-Sopron	Bărăganul	Košice
Hajdú-Bihar	Ciocărlia	IL-FINLANDJA
Heves	Casicea	Hämeenlinna-Turenki
Jász-Nagykun-Szolnok	N. Bălcescu	Iisalmi-Oulu
Komárom-Esztergom	Palas	Kokemäki-Rauma
Nógrád	Cogealac	Koria-Kouvola
Pest	Negru Vodă	Loimaa-Naantali
Somogy	Băneasa	Mustio-Perniö
Szabolcs-Szatmár-Bereg	Traian	Seinäjoki-Vaasa
Tolna	Babadag	L-ISVEZJA
Vas	Baia	Södra Sverige, som omfattar alla Sveriges län förutom Gävleborgs, Västernorrlands, Jämtlands, Västerbottens och Norrbottenslän.
Veszprém	Cataloi	IR-RENJU UNIT
Zala	Oltenița	England
L-AWSTRIJA	Ciulnița	Scotland
IŻ-Ost	Chirnogi	
IŻ-Süd	Călărași	
IŻ-Mitte	Movila	
	Fetești	
	Țândărei	
	Căzănești	
	Bucu	
	Turnu Măgurele	
	Alexandria	